Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/654

tal-20 ta' April 2022

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ►C1 tal-butilidrossjaniżol ◄ bħala addittiv tal-għalf għall-qtates

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 119, 21.4.2022, p. 84)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 233, 8.9.2022, p. 92 (2022/654)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/654

tal-20 ta' April 2022

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ►C1 tal-butilidrossjaniżol ◄ bħala addittiv tal-għalf għall-qtates

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Is-sustanza speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "antiossidanti", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Irtirar mis-suq

►C1 Il-butilidrossjaniżol ◄ (E 320) għandu jiġi rtirat mis-suq bħala addittiv tal-għalf għall-qtates sakemm ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Miżuri tranżizzjonali li jikkonċernaw l-irtirar mis-suq

1. ►C1 Il-butilidrossjaniżol ◄ bħala addittiv tal-għalf għall-qtates u t-taħlitiet lesti minn qabel li fihom minnu, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel il-11 ta' Novembru 2022 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-11 ta' Mejju 2022 jista' jibqa' jitqiegħed fis-suq u jintuża sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf maħsuba għall-qtates li fihom ►C1 il-butilidrossjaniżol ◄, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel il-11 ta' Mejju 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-11 ta' Mejju 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Additttiv	Formola kimika, deskrizzjoni, metodi ta' analiżi	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Kategorija: Additttivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: antiossidanti								
1b320	►**C1** Butilidrossjaniżol ◄	*Kompożizzjoni tal-additttiv* ►**C1** Butilidrossjaniżol ◄ (BHA) (≥ 98,5 %) Għamla solida qisha tax-xama' *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* ►**C1** Taħlita ta': — 2-tert-butil-4-idrossjaniżol — 3-tert-butil-4-idrossjaniżol (≥ 85 %) ◄ Nru CAS: 25013-16-5 $C_{11}H_{16}O_2$ *Metodu analitiku* ([1]) Għall-kwantifikazzjoni tal-BHA fl-additttiv tal-għalf: — Kromatografija b'faži gassuża akkoppjata mad-Detezzjoni tal-Jonizzazzjoni bi Fjamma (GC-FID) (metodu FCC7)	Qtates	-	-	150	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv u tat-taħlita lesta minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. ►**C1** 2. Il-BHA jista' jintuża flimkien mal-butilidrossitoluwen (BHT) sa 150 mg tat-taħlita/kg ta' għalf komplet. ◄ 3. Għall-utenti tal-additttiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-additttiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs.	Il-11 ta' Mejju 2032

▼B

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Formola kimika, deskrizzjoni, metodi ta' analiżi	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
		Għall-kwantifikazzjoni tal-BHA fit-taħlitiet lesti minn qabel u fl-għalf: — Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja b'Faża Inversa akkoppjata mad-Detezzjoni tal-Ultravjola permezz ta' Dijodi f'Serje (RP-HPLC-UV-DAD, 285 nm)						

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports.